VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,727, 14 ta' Frar, 2017
Taqsima B

A.L. 57 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry - B.Sc. (Hons) Med. Biochem. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry – B.Sc. (Hons) Med. Biochem. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza ;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry – B.Sc. (Hons) Med. Biochem.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry – B.Sc. (Hons) Med. Biochem.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul; u

(b) ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi grad Ċ jew aħjar fil-Bioloġija u fil-Kimika; u

(ċ) ikunu għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola f'wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin: il-Computing jew il-Fiżika jew il-Matematika Pura.

4. L-applikanti li għandhom grad D meta l-grad minimu speċifikat huwa grad Ċ f'wieħed biss mis-suġġetti meħtieġa fil-Livell Avvanzat bħala rekwiżit speċjali għall-kors indikat fil-paragrafu (b) tal-ordinament 3, għandhom jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord tal-Istudji jista' jimponi biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas fil-kwalifiki. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali.

5. Il-Bord tal-Istudji għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw fil-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-Senat għandu japprova l-ordinamenti għall-għażla tal-applikanti biex jidħlu fil-Kors.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

7. Il-Bord tal-Istudji jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdil li l-Bord tal-Istudji jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għal Grad, sakemm li l-programm ikun imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

8. L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw u jgħaddu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu ECTS.

Il-Klassifikazzjoni tal-Grad

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors, bit-taqsimiet studju kollha jingħataw piż indaqs.

10. Il-klassifikazzjoni tal-Grad tkun ippubblikata skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.